Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,946, 21 ta' Ottubru, 2022
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIII tal-2022

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u liġijiet varji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

ACT No. XIII of 2022

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Consumer Affairs Act, Cap. 378 and other laws relating to consumer protection.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **FRANK BEZZINA**
Aġent President

21 ta' Ottubru, 2022

ATT Nru XIII tal-2022

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u liġijiet varji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor, bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

Kap.378.

Iżda kull investigazzjoni pendenti mibdija, jew kull proċedura ġudizzjarja istitwita skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandhom jibqgħu jiġu regolati mill-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-regolamenti magħmula taħtu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(3) L-għan ta' dan l-Att huwa li jittrasponi d-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, u sabiex isiru emendi oħra meħtieġa.

TAQSIMA I
EMENDI GĦALL-ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Emendi ghall-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 378.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hawn iżjed `il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 12I tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 12I tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din in-nota marġinali ġdida li ġejja :

"Appelli quddiem il-Qorti tal-Appell u pubblikazzjoni tas-sentenzi.";

(b) fil-proviso tiegħu, il-kliem "lill-partijiet kollha." għandom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-partijiet kollha:" u minnufih wara għandhom jiżdiedu dawn il-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda wkoll il-Qorti tal-Appell għandha tippubblika kull sentenza wara li tqis l-interess leġittimu tal-persuna konċernata fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra. Il-Qorti tal-Appell tista' tagħti lill-partijiet konċernati l-opportunità li jispeċifikaw il-partijiet kunfidenzjali tas-sentenza li huma jixtiequ li jkunu esklużi mill-pubblikazzjoni:

Iżda wkoll il-Qorti tal-Appell għandha finalment tiddeċiedi liema verżjoni għandha tiġi ppubblikata:

Iżda wkoll id-Direttur Ġenerali għandu jippubblika wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità is-sentenza tal-Qorti tal-Appell.".

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

4. Fil-proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali, il-kliem "skont il-liġi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont il-liġi:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta jiġu determinati kwistjonijiet f'tilwim li jikkonċerna dannu mġarrab mill-konsumaturi li jirriżulta minn prattiċi kummerċjali mhux ġusti, it-tribunal għandu jordna rimedji proporzjonati u effettivi, inkluż kumpens għad-dannu mġarrab mill-konsumatur u, fejn rilevanti, tnaqqis fil-prezz jew it-terminazzjoni tal-kuntratt; b'kont meħud ukoll, fejn xieraq, tal-gravità u n-natura tal-prattika kummerċjali mhux ġusta, id-dannu mġarrab mill-konsumatur u ċirkostanzi oħra rilevanti.".

5. L-artikolu 51A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 51A tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "influwenza mhux xierqa", għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "klassifikazzjoni" tfisser il-prominenza relattiva mogħtija lill-prodotti, kif ippreżentati, organizzati jew ikkomunikati mill-kummerċjant, irrispettivament mill-mezzi teknoloġiċi użati għal tali preżentazzjoni, organizzazzjoni jew komunikazzjoni;";

(b) it-tifsira "prodott" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "prodott" tfisser kwalunkwe oġġett jew servizz inklużi proprjetà immobbli, servizzi diġitali u kontenut diġitali, kif ukoll drittijiet u obbligi;"; u

(ċ) fit-tifsira "stedina għax-xiri." l-kliem "għax-xiri." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għax-xiri;" u minnufih wara għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "suq online" tfisser servizz bl-użu ta' software, inklużi sit elettroniku, parti minn sit elettroniku jew applikazzjoni, operat minn kummerċjant jew f'ismu, li jippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' kummerċjanti jew konsumaturi oħra.".

6. Fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 51Ċ tal-Att prinċipali, il-kliem "huwa marbut mill-kodiċi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "huwa marbut mill-kodiċi; jew" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan is-subparagrafu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 51Ċ tal-Att prinċipali.

"(iii) kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ta' oġġett, fi Stat Membru wieħed, bħala identiku għal oġġett kummerċjalizzat fi Stati Membri oħra, meta dak l-oġġett ikun differenti b'mod sinifikanti fil-kompożizzjoni jew fil-karatteristiċi, sakemm dan ma jkunx ġustifikat minn fatturi leġittimi u oġġettivi.".

7. L-artikolu 51D tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 51D tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) l-arranġamenti għall-ħlas, kunsinna u

eżekuzzjoni, jekk dawn ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali;";

(ii) fil-paragrafu (e) tiegħu, il-kliem "l-eżistenza ta' dan id-dritt." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-eżistenza ta' dan id-dritt;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) għal prodotti offruti fi swieq online, jekk il-parti terza li toffri l-prodotti hijiex kummerċjant jew le, abbażi tad-dikjarazzjoni ta' dik il-parti terza lill-fornitur tas-suq online.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3a) Meta l-konsumaturi jingħataw il-possibbiltà li jfittxu prodotti offruti minn kummerċjanti differenti jew minn konsumaturi abbażi ta' tfittxija fl-għamla ta' keyword, frażi jew input ieħor, irrispettivament minn fejn finalment jiġu konklużi t-tranżazzjonijiet, l-informazzjoni ġenerali, li tkun disponibbli fit-taqsima speċifika tal-interfaċċa online li hija aċċessibbli b'mod dirett u faċli mill-paġna fejn ir-riżultati tat-tfittxija jiġu ppreżentati, dwar il-parametri ewlenin li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti ppreżentati lill-konsumatur bħala riżultat tat-tfittxija u l-importanza relattiva ta' dawk il-parametri, meta mqabbla ma' parametri oħrajn, għandha titqies bħala importanti:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax għall-fornituri ta' magni tat-tiftix online kif definiti fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Fejn kummerċjant jipprovdi aċċess għal reċensjonijiet tal-konsumatur dwar prodotti, l-informazzjoni dwar jekk u kif il-kummerċjant jiżgura li r-reċensjonijiet ippubblikati joriġinaw minn konsumaturi li fil-fatt użaw jew xtraw il-prodott, għandha titqies bħala importanti.".

8. L-artikolu 106A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 106A tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kliem "proporzjonati u dissważivi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "proporzjonati u dissważivi:" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejin:

"Iżda l-Qorti Ċivili għandha, meta tiddetermina l-penali fir-rigward ta' ksur ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, fejn xieraq, tqis ukoll il-kriterji mhux eżawrjenti u indikattivi li ġejjin, dment li ma ġewx preskritti kriterji differenti għal regolamenti speċifiċi:

(a) in-natura, il-gravità, l-iskala u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-bejjiegħ, kummerċjant jew fornitur biex itaffi jew jirrimedja d-dannu mġarrab mill-konsumaturi;

(ċ) kwalunkwe ksur preċedenti mill-bejjiegħ, kummerċjant jew fornitur;

(d) il-benefiċċji finanzjarji miksuba jew telf evitat mill-bejjiegħ, kummerċjant jew fornitur dovuti għall-ksur, jekk id-data rilevanti tkun disponibbli;

(e) penali imposti fuq il-bejjiegħ, kummerċjant jew fornitur għall-istess ksur fi Stati Membri oħra f'każijiet transfruntiera fejn l-informazzjoni dwar tali penali tkun disponibbli permezz tal-mekkaniżmu stabbilit mir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur;

(f) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ:

Iżda wkoll għal ksur taħt it-Taqsima VII u t-Taqsima VIII tal-Att, u tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, meta jkollhom jiġu imposti penali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament dwar il-Kooperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-Qorti Ċivili għandha timponi penali sa massimu ta' erbgħa fil-mija (4%) tal-fatturat annwali tal-bejjiegħ, kummerċjant jew fornitur fl-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati:

L.S. 378.17.

Iżda wkoll fejn ikollha tiġi imposta penali skont il-proviso preċedenti, iżda ma tkunx disponibbli informazzjoni dwar il-fatturat annwali tal-bejjiegħ, kummerċjant jew fornitur, il-Qorti Ċivili għandha timponi penali sa massimu ta' żewġ miljun euro (€2,000,000).".

Sostituzzjoni tal-artikolu 114 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 114 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b' dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Preskrizzjoni għall-proċedimenti ġudizzjarji u għar-reati.

114. L-istituzzjoni ta' proċeduri ġudizzjarji u l-prosekuzzjoni ta' reati taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, dment li ma jiġix stabbilit terminu ieħor fir-rigward, għandu jkun preskritt wara l-iskadenza ta' ħames snin mid-data li fiha l-ksur jew ir-reat jkunu allegatament twettqu.".

Emenda ta-Ewwel Skeda tal-Att prinċipali.

10. L-Ewwel Skeda tal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-punt 11 tagħha, għandu jiġi miżjud dan il-punt ġdid li ġej:

"11a. Fejn il-kummerċjant jipprovdi riżultati tat-tiftix b'rispons għal tfittxija online minn konsumatur mingħajr ma juri b'mod ċar kwalunkwe riklam imħallas jew pagament speċifiku biex prodotti jiksbu klassifikazzjoni ogħla fir-riżultati tat-tiftix.";

(b) minnufih wara l-punt 23 tagħha, għandhom jiġu miżjuda dawn il-punti ġodda li ġejjin:

"23a. Fejn il-kummerċjant/a ibigħ/tbigħ mill-ġdid biljetti ta' avvenimenti lill-konsumaturi jekk il-kummerċjant/a ikun/tkun akkwistahom/akkwistathom permezz ta' mezzi awtomatizzati biex jevita/tevita kwalunkwe limitu impost fuq l-għadd ta' biljetti li persuna tista' tixtri jew kwalunkwe regola oħra applikabbli għax-xiri ta' biljetti.

23b. Fejn il-kummerċjant/a jindika/tindika li r-reċensjonijiet dwar prodotti jkunu saru minn konsumaturi li fil-fatt użaw jew xtraw il-prodott mingħajr ma jieħu/ tieħu passi raġonevoli u proporzjonati biex jivverifika/ tivverifika li dawn joriġinaw minn tali konsumaturi.

23ċ. Fejn il-kummerċjant/a jissottometti/ tissottometti jew jikkummissjona/tikkummissjona persuna ġuridika jew fiżika oħra biex tissottometti reċensjonijiet

jew approvazzjonijiet foloz, jew jirrappreżenta/ tirrappreżenta b'mod ħażin reċensjonijiet tal-konsumaturi jew approvazzjonijiet fuq il-midja soċjali, sabiex jippromwovi/tippromwovi prodotti.".

TAQSIMA II

EMENDI GĦAR-REGOLAMENTI DWAR PREZZIJIET INDIKATI SKONT L-ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Emendi għar-Regolamenti dwar Prezzijiet Indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur L.S. 378.09.

11. Din it-Taqsima temenda r-Regolamenti dwar Prezzijiet Indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Prezzijiet Indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hawn iżjed `il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

12. Is-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "konsumatur" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "konsumatur" tfisser kull persuna naturali li tixtri prodott għall-għanijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-attività kummerċjali jew professjonali tagħha;";

(b) minnufih wara t-tifsira "konsumatur", kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

"S.L. 378.17.

"lok tal-kummerċ" tfisser kwalunkwe lok minn fejn jitwettaq kwalunkwe kummerċ jew negozju inkluż f'posta, jew fis-suq online kif definit fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "oġġetti mibjugħin bil-kwantità" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "posta" tfisser kull vettura, kompartiment, bank, bord, trolley, mejda, jew tilar, jew l-aggregazzjoni tagħhom, imqiegħda f'suq fil-beraħ għal bejgħ ta' oġġetti;";

(d) it-tifsira "rata perċentwali annwali" għandha tiġi mħassra.

Żieda ta' regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

13. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Tnaqqis fil-prezz.

5A. (1) Kwalunkwe tħabbir ta' tnaqqis fil-prezz għandu jindika l-prezz preċedenti applikat mill-kummerċjant għal perjodu ta' żmien determinat qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz.

(2) Il-prezz preċedenti jfisser l-aktar prezz baxx applikat mill-kummerċjant matul perjodu ta' żmien li mhuwiex iqsar minn tletin (30) jum qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz:

Iżda għal oġġetti li jistgħu jiddeterjoraw jew jiskadu malajr, il-prezz preċedenti jfisser il-prezz applikat immedjatament qabel it-tnaqqis fil-prezz:

Iżda wkoll fejn il-prodotti jkunu ilhom fis-suq għal inqas minn tletin (30) jum, il-prezz preċedenti jfisser l-irħas prezz applikat mill-kummerċjant f'dan il-perjodu:

Iżda wkoll meta t-tnaqqis fil-prezz jiżdied progressivament, il-prezz preċedenti jkun il-prezz mingħajr it-tnaqqis fil-prezz qabel l-ewwel applikazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz.".

Emenda tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

14. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Proċeduri fir-rigward ta' reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jinbdew fi żmien sena mit-twettiq tar-reat.";

(b) il-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament 3 tiegħu għandhom jiġu sostitwiti b' dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(a) fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mija u ħamsin euro (€150) u mhux iżjed minn elf u ħames mitt euro (€1,500);

(b) fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn mitejn euro (€200) u mhux iżjed minn elfejn euro (€2,000):

Iżda l-Qorti, meta tiddetermina l-penali, għandha wkoll tqis il-kriterji mhux eżawrjenti u indikattivi li ġejjin:

(i) in-natura, il-gravità, l-iskala u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(ii) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-kummerċjant biex itaffi jew jirrimedja d-dannu mġarrab mill-konsumaturi;

(iii) kwalunkwe ksur preċedenti mill-kummerċjant;

(iv) il-benefiċċji finanzjarji miksuba jew telf evitat mill-kummerċjant minħabba l-ksur, jekk id-data rilevanti tkun disponibbli;

(v) penali imposti fuq il-kummerċjant għall-istess ksur fi Stati Membri oħra f'każijiet transfruntiera fejn l-informazzjoni dwar tali penali tkun disponibbli permezz tal-mekkaniżmu stabbilit mir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur kif definit fl-artikolu 2 tal-Att;

(vi) kwalunkwe fattur aggravanti ieħor jew mitiganti applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ:

Iżda wkoll fir-rigward ta' kull sejbien ta' ħtija, il-Qorti għandha tordna l-pubblikazzjoni f'xi wieħed jew aktar mill-ġurnali ta' kuljum, tas-sentenza mgħoddija fuq min jinsab ħati, jew dikjarazzjoni jew sunt tal-istess sentenza:

Iżda wkoll fir-rigward ta' kull sejbien ta' ħtija, id-Direttur Ġenerali għandu jippubblika fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità s-sentenza mgħoddija mill-Qorti fuq min jinsab ħati, jew dikjarazzjoni jew sunt tal-istess sentenza.".

TAQSIMA III

EMENDI GĦAR-REGOLAMENTI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR

Emendi għar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur. L.S. 378.17.

15. Din it-Taqsima temenda r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, hawn iżjed `il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

16. Is-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "garanzija kummerċjali"

għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "data personali" tfisser data personali kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);";

"fornitur ta' suq online" tfisser kwalunkwe kummerċjant li jipprovdi suq online lill-konsumaturi;";

"funzjonalità" tfisser funzjonalità kif definita fis-
L.S.378.20. subregolament (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kuntratti għal Kontenut Diġitali u Servizzi Diġitali;";

(b) minnufih wara t-tifsira "garanzija kummerċjali" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

"interoperabbiltà" tfisser interoperabbiltà kif definita
"L.S.378.20. fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kuntratti għal Kontenut Diġitali u Servizzi Diġitali;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "irkant pubbliku" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

"kompatibbiltà" tfisser kompatibbiltà kif definita fis-
"L.S.378.20. subregolament (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kuntratti għal Kontenut Diġitali u Servizzi Diġitali;";

(d) id-definizzjoni "kontenut diġitali" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

"kontenut diġitali" tfisser kontenut diġitali kif definit
"L.S.378.20. fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kuntratti għal Kontenut Diġitali u Servizzi Diġitali;

(e) it-tifsira "kuntratt ta' bejgħ" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

"kuntratt ta' bejgħ" tfisser kwalunkwe kuntratt li taħtu l-kummerċjant jittrasferixxi jew jimpenja ruħu li jittrasferixxi l-proprjetà ta' oġġetti lil konsumatur, inkluż kwalunkwe kuntratt li għandu bħala s-suġġett tiegħu kemm oġġetti kif ukoll servizzi;";

(f) it-tifsira "kuntratt ta' servizz" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kuntratt ta' servizz" tfisser kwalunkwe kuntratt li mhuwiex kuntratt ta' bejgħ li taħtu l-kummerċjant iforni jew jimpenja ruħu li jforni servizz, inkluż servizz diġitali, lill-konsumatur;";

(g) it-tifsira "oġġetti" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

"oġġetti" tfisser oġġetti kif definiti fis-subartikolu (1) tal-artikolu 72 tal-Att;";

"Kap.378.

(h) minnufih wara t-tifsira "Qorti Ċivili" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

"servizz diġitali" tfisser servizz diġitali kif definit fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kuntratti għal Kontenut Diġitali u Servizzi Diġitali;";

"L.S.378.20.

(i) fit-tifsira "servizz finanzjarju" il-kliem "jew ta' ħlas." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew ta' ħlas;" u minnufih wara għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "suq online" tfisser servizz bl-użu ta' software, inklużi sit elettroniku, parti minn sit elettroniku jew applikazzjoni, operat minn kummerċjant jew f'ismu li jippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' kummerċjanti jew konsumaturi oħra.".

17. Ir-regolament 3 tar-regolamenti principali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej :

"(1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw, taħt il-kundizzjonijiet u sal-punt stipulat fid-dispożizzjonijiet tagħhom, għal kwalunkwe kuntratt konkluż bejn kummerċjant u konsumatur fejn il-konsumatur iħallas jew jimpenja ruħu li jħallas il-prezz. Dawn ir-regolamenti huma wkoll applikabbli għal kuntratti għall-provvista ta' ilma, gass, jew elettriku, inkluż min-naħa ta' forniturи pubbliċi, sal-punt li dawn il-kommoditajiet huma pprovduti fuq bażi kuntrattwali.";

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu kif sostitwit, għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1a) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll f'każ fejn il-kummerċjant jipprovdi jew jimpenja ruħu li jipprovdi kontenut diġitali li mhuwiex provdut fuq mezz tanġibbli jew servizz diġitali lill-konsumatur u l-konsumatur jipprovdi jew jimpenja ruħu li jipprovdi data personali lill-kummerċjant, ħlief fejn id-data personali pprovduta mill-konsumatur tkun ipproċessata esklussivament mill-kummerċjant għall-finijiet tal-provvista tal-kontenut diġitali li mhuwiex provdut fuq mezz tanġibbli jew servizz diġitali skont dawn ir-regolamenti jew għall-kummerċjant biex jikkonforma mar-rekwiżiti legali li għalihom ikun soġġett, u l-kummerċjant ma jipproċessax dik id-data għall-ebda fini oħra.";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (*k*) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*k*) għal servizzi tat-trasport ta' passiġġieri, għajr għar-regolamenti 9(2), 21, 23 u 24;";

(ii) il-paragrafu (*m*) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"*(m)* konklużi mal-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet bl-użu ta' payphones pubbliċi jew konklużi għall-użu ta' kollegament wieħed biss permezz tat-telefon, internet jew fax, stabbilit minn konsumatur;";

(d) minnufih wara l-paragrafu (*m*) kif sostitwit għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*n*) għal kwalunkwe oġġett mibjugħ permezz ta' eżekuzzjoni jew mod ieħor bl-awtorità tal-liġi.".

Emenda tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

18. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (*e*) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*e*) flimkien ma' tfakkira tal-eżistenza ta' garanzija legali ta' konformità għal oġġetti, kontenut diġitali u servizzi diġitali, l-eżistenza u l-kundizzjonijiet ta' servizzi ta' wara l-bejgħ u garanziji kummerċjali, fejn

applikabbli;";

(b) il-paragrafi (*g*) u (*h*) tas-subregolament (1) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti b'dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(*g*) fejn applikabbli, il-funzjonalità, inklużi l-miżuri tekniċi applikabbli ta' protezzjoni, ta' oġġetti b'elementi diġitali, ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali;

(*h*) fejn applikabbli, kwalunkwe kompatibbiltà u interoperabbiltà rilevanti ta' oġġetti b'elementi diġitali, ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali li jkun jaf bihom il-kummerċjant jew li huwa jista' jkun raġonevolment mistenni li jaf bihom.".

Emenda tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

19. Is-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (*ċ*) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*ċ*) l-indirizz ġeografiku fejn il-kummerċjant huwa stabbilit kif ukoll in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tal-kummerċjant; barra minn hekk, fejn il-kummerċjant jipprovdi mezzi oħra ta' komunikazzjoni online li jiggarantixxu li l-konsumatur jista' jżomm kwalunkwe korrispondenza bil-miktub, inklużi d-data u l-ħin ta' tali korrispondenza, mal-kummerċjant fuq mezz li jservi għal żmien twil, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll dettalji ta' dawk il-mezzi l-oħra; dawk il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni pprovduti mill-kummerċjant għandhom jippermettu lill-konsumatur biex jagħmel kuntatt malajr mal-kummerċjant u jikkomunika b'mod effiċjenti miegħu; fejn applikabbli, il-kummerċjant għandu jagħti wkoll l-indirizz ġeografiku u l-identità tal-kummerċjant li f'ismu jkun qed jaġixxi;";

(b) minnufih wara l-paragrafu (*e*) tiegħu, għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*ea*) fejn applikabbli, li l-prezz kien personalizzat abbażi ta' proċess deċiżjonali awtomatizzat;";

(ċ) il-paragrafu (*l*) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*l*) ifakkar lill-konsumatur dwar l-eżistenza ta'

garanzija legali ta' konformità għal oġġetti, kontenut diġitali u servizzi diġitali;";

(d) il-paragrafi (*r*) u (*s*) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti b' dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(*r*) fejn applikabbli, il-funzjonalità, inklużi l-miżuri tekniċi applikabbli ta' protezzjoni, ta' oġġetti b'elementi diġitali, ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali;

(*s*) fejn applikabbli, kwalunkwe kompatibbiltà u interoperabbiltà rilevanti ta' oġġetti b'elementi diġitali, ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali li jkun jaf bihom il-kummerċjant jew li huwa jista' jkun raġonevolment mistenni li jaf bihom;".

Żieda ta' regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

20. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Rekwiżiti speċifiċi ta' informazzjoni addizzjonali għal kuntratti konklużi fuq swieq online.

5A. (1) Qabel ma konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod, jew kwalunkwe offerta korrispondenti, f'suq online, il-fornitur tas-suq online għandu, mingħajr preġudizzju għad-diżpożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tal-Att, jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja b'mod ċar u li jinftiehem u b'mod adegwat għall-mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod użati:

(*a*) informazzjoni ġenerali, li tkun disponibbli f'sezzjoni speċifika tal-interfaċċa online li tkun aċċessibbli direttament u faċilment mill-paġna fejn l-offerti jiġu ppreżentati, dwar il-parametri ewlenin li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni, kif definita fl-Artikolu 51A tal-Att, ta' offerti ppreżentati lill-konsumatur bħala riżultat ta' tfittxija u l-importanza relattiva ta' dawk il-parametri meta mqabbla ma' parametri oħra;

(*b*) jekk il-parti terza li toffri l-oġġetti, servizzi jew kontenut diġitali hijiex kummerċjant jew le, abbażi tad-dikjarazzjoni ta' dik il-parti terza lill-fornitur tas-suq online;

(*ċ*) fejn il-parti terza li toffri l-oġġetti, is-servizzi jew il-kontenut diġitali mhijiex kummerċjant, li d-drittijiet tal-konsumatur li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-konsumatur ma japplikawx għall-kuntratt;

(*d*) fejn applikabbli, kif l-obbligi relatati mal-kuntratt huma kondiviżi bejn il-parti terza li toffri l-oġġetti, is-servizzi jew il-kontenut diġitali u l-fornitur tas-suq online, fejn tali informazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe responsabbiltà li l-fornitur tas-suq online jew il-kummerċjant terz ikollu fir-rigward tal-kuntratt taħt xi liġi oħra tal-Unjoni Ewropea jew nazzjonali.".

Emenda tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

21. Is-subregolament (3) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b' dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Fejn konsumatur irid li l-għoti tas-servizzi jew il-provvista ta' ilma, gass jew elettriku, meta mhumiex għall-bejgħ f'volum limitat jew fi kwantità fissa, jibda matul il-perjodu ta' rtirar previst fir-regolament 10(2), u l-kuntratt ipoġġi lill-konsumatur taħt obbligu li jħallas, il-kummerċjant għandu jesiġi li l-konsumatur jagħmel din it-talba espliċita fuq mezz li jservi għal żmien twil u jitlob lill-konsumatur jirrikonoxxi li, ladarba tkun saret l-eżekuzzjoni totali tal-kuntratt min-naħa tal-kummerċjant, il-konsumatur ma jkollux iżjed id-dritt ta' rtirar.".

Emenda tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

22. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Jekk il-kuntratt jiġi konkluż permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li jippermetti spazju jew ħin limitat biex tintwera l-informazzjoni, il-kummerċjant għandu jipprovdi, fuq, jew permezz ta' dak il-mezz partikolari, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt bħal dan, tal-anqas l-informazzjoni prekuntrattwali dwar il-karatteristiċi prinċipali tal-oġġetti jew tas-servizzi, l-identità tal-kummerċjant, il-prezz totali, id-dritt ta' rtirar, it-tul ta' żmien tal-kuntratt u, fil-każ ta' kuntratti għal żmien indeterminat, il-kundizzjonijiet ta' terminazzjoni tal-kuntratt, konformament mar-regolament 5(1) (a), (b), (e), (h) u (o), ħlief il-mudell tal-formola ta' rtirar kif stabbilit fil-Parti B tal-Iskeda msemmija fil-paragrafu (h). L-informazzjoni l-oħra msemmija fir-regolament 5(1), inkluż il-mudell tal-formola tal-irtirar, għandha tingħata mill-kummerċjant lill-konsumatur b'mod xieraq skont is-subregolament (1).";

(b) is-subregolament (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) Fejn konsumatur ikun irid li l-għoti ta' servizzi jew il-provvista ta' ilma, gass jew elettriku, fejn dawn ma jkunux għall-bejgħ f'volum limitat jew fi kwantità fissa, jibda matul il-perjodu ta' rtirar previst mir-regolament 10(2), u l-kuntratt ipoġġi lill-konsumatur taħt obbligu li jħallas, il-kummerċjant għandu jesiġi li l-konsumatur jagħmel talba espliċita u għandu jitlob lill-konsumatur jirrikonoxxi li, ladarba tkun saret l-eżekuzzjoni totali tal-kuntratt min-naħa tal-kummerċjant, il-konsumatur ma jkollux iżjed id-dritt ta' rtirar.".

Emenda tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

23. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "fir-regolamenti 15(2) u 16." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-regolamenti 15(2) u 16:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda għal kuntratti konklużi fil-kuntest ta' żjarat mhux mitluba minn kummerċjant fid-dar ta' konsumatur jew vjaġġi promozzjonali organizzati minn kummerċjant bil-għan jew bl-effett li jiġu promossi jew jinbiegħu prodotti lil konsumaturi, il-perjodu ta' rtirar ta' erbatax (14)-il jum huwa estiż għal tletin (30) jum.";

(b) il-kliem introduttorju tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-kliem ġdid li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 12, il-perjodu ta' rtirar imsemmi fis-subregolament (1) għandu jiskadi wara erbatax (14)-il jum, jew, f'każijiet li jaqgħu taħt il-proviso tas-subregolament (1) wara tletin (30) jum li jiddekorru:".

Emenda tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

24. Is-subregolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b' dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Jekk il-kummerċjant ikun ipprovda lill-konsumatur bl-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) fi żmien tnax (12)-il xahar mill-jum li hemm riferiment għalih fir-regolament 10(2), id-dritt ta' rtirar għandu jiskadi erbatax (14)-il jum, jew, f'każijiet li jaqgħu taħt is-subregolament (1), tletin (30) jum wara l-jum li fih il-konsumatur jirċievi dik l-informazzjoni.".

Emenda tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

25. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu miżjuda dawn is-

subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Fir-rigward tad-data personali tal-konsumatur, il-kummerċjant għandu jikkonforma mal-obbligi applikabbli taħt ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap.586.

(5) Il-kummerċjant għandu jżomm lura milli juża kwalunkwe kontenut, għajr data personali, li ġiet ipprovduta jew maħluqa mill-konsumatur meta juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali pprovdut mill-kummerċjant, minbarra meta tali kontenut:

(a) ma jkollu l-ebda utilità barra l-kuntest tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali pprovdut mill-kummerċjant;

(b) ikun relatat biss mal-attività tal-konsumatur meta juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali pprovdut mill-kummerċjant;

(ċ) ikun ġie aggregat ma' data oħra mill-kummerċjant u ma jkunx jista' jiġi diżaggregat jew biss bi sforzi sproporzjonati; jew

(d) ikun ġie ġġenerat b'mod konġunt mill-konsumatur u oħrajn, u konsumaturi oħra jkunu kapaċi jkomplu jagħmlu użu mill-kontenut.

(6) Ħlief fis-sitwazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (5)(a), (b) jew (ċ), il-kummerċjant għandu, fuq talba tal-konsumatur, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur kwalunkwe kontenut, għajr data personali, li ġie pprovdut jew maħluq mill-konsumatur meta juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali pprovduti mill-kummerċjant.

(7) Il-konsumatur għandu jkun intitolat li jirkupra dak il-kontenut diġitali mingħajr ħlas, mingħajr tfixkil mill-kummerċjant, fi żmien raġonevoli u f'format ta' data li jintuża komunement u li jinqara mill-magni.

(8) F'każ ta' rtirar mill-kuntratt, il-kummerċjant jista' jipprevjeni kwalunkwe użu ulterjuri tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali mill-konsumatur, b'mod partikolari billi jrendi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali inaċċessibbli għall-konsumatur jew jiddiżattiva l-kont tal-utent tal-konsumatur, mingħajr preġudizzju għas-subregolament (6).".

Emenda tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

26. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2a) F'każ li jirtira mill-kuntratt, il-konsumatur għandu jżomm lura milli juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali u milli jqegħidhom għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi.";

(b) is-subregolament (4)(b)(i) tiegħu għandu jiġi sostitwit b' dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(i) il-konsumatur ma jkunx ta l-kunsens espliċitu tiegħu minn qabel, fir-rigward tal-bidu tal-eżekuzzjoni qabel it-tmiem tal-perjodu tal-erbatax (14)-il jum jew ta' tletin (30) jum kif imsemmi fir-regolament 10;".

Emenda tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

27. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (*a*) tiegħu għandu jiġi sostitwit b' dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*a*) kuntratti ta' servizz wara l-eżekuzzjoni totali tas-servizz iżda, jekk il-kuntratt iqiegħed lill-konsumatur f'obbligu li jħallas, jekk l-eżekuzzjoni tkun inbdiet biss bil-kunsens espliċitu minn qabel tal-konsumatur u bir-rikonoxximent li huwa jitlef id-dritt tiegħu ta' rtirar ladarba tkun saret l-eżekuzzjoni totali tal-kuntratt min-naħa tal-kummerċjant;";

(b) il-paragrafu (*m*) tiegħu għandu jiġi sostitwit b' dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(*m*) kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali li mhuwiex provdut fuq mezz tanġibbli jekk l-eżekuzzjoni tkun inbdiet u, jekk il-kuntratt iqiegħed lill-konsumatur f'obbligu li jħallas, fejn:

(i) il-konsumatur ikun ta l-kunsens espliċitu minn qabel biex tinbeda l-eżekuzzjoni matul il-perjodu tad-dritt ta' rtirar;

(ii) il-konsumatur ikun irrikonoxxa li b'dan huwa jitlef id-dritt tiegħu ta' rtirar; u

(iii) il-kummerċjant ikun ipprovda l-konferma f'konformità mar-regolament 8(2) u mar-regolament 9(7):

Iżda għal kuntratti konklużi fil-kuntest ta' żjarat mhux mitluba minn kummerċjant fid-dar ta' konsumatur jew vjaġġi promozzjonali organizzati minn kummerċjant bil-għan jew bl-effett li jiġu promossi jew jinbiegħu prodotti lil konsumaturi, l-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' rtirar stabbilit fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (e) ma japplikawx.".

Emenda tal-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

28. L-Iskeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-tieni paragrafu, "Il-perjodu ta' rtirar jiskadi wara 14-il jum mill-jum [1]." taħt "Dritt ta' rtirar", fil-Parti A tagħha, għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"Il-perjodu ta' rtirar għandu jiskadi wara 14-il jum mill-jum [1]. (Għal kuntratti konklużi fil-kuntest ta' żjarat mhux mitluba minn kummerċjant fid-dar ta' konsumatur jew vjaġġi promozzjonali organizzati minn kummerċjant bil-għan jew bl-effett li jiġu promossi jew jinbiegħu prodotti lil konsumaturi, iż-żmien ta' rtirar għandu jiskadi wara 30 jum.)";

(b) it-tielet paragrafu, "Biex teżerċita d-dritt ta' rtirar, għandek tinfurmana [2] bid-deċiżjoni tiegħek li tirtira minn dan il-kuntratt permezz ta' dikjarazzjoni espliċita (eż. ittra mibgħuta bil-posta, *fax* jew *e-mail*). Tista' tuża l-formola *standard* ta' rtirar mehmuża iżda mhijiex obbligatorja [3]." taħt "Dritt ta' rtirar", fil-Parti A tagħha, għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"Biex teżerċita d-dritt ta' rtirar, għandek tinfurmana [2] bid-deċiżjoni tiegħek li tirtira minn dan il-kuntratt permezz ta' dikjarazzjoni espliċita (eż. ittra mibgħuta bil-posta jew posta elettronika). Tista' tuża l-formola *standard* ta' rtirar mehmuża, iżda din mhijiex obbligatorja. [3]";

(ċ) il-paragrafu [2] taħt "Istruzzjonijiet biex timla l-

formola:" fil-Parti A tagħha, għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"[2.] Daħħal ismek, l-indirizz ġeografiku tiegħek, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.";

(d) l-ewwel inċiż, "- Lil [Daħħal l-isem, l-indirizz ġeografiku u, jekk disponibbli, in-numru tat-telefon u tal-fax u l-indirizzi tal-posta elettronika tal-kummerċjant]:", fil-Parti B tagħha, għandu jiġi sostitwit b'dan l-inċiż ġdid li ġej:

"- Lil [hawnhekk, l-isem tal-kummerċjant, l-indirizz ġeografiku u l-indirizz tal-posta elettronika tal-kummerċjant jiddaħħlu mill-kummerċjant]:".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 33 tas-17 ta' Ottubru, 2022.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati